**ŻJARA MILL-GĦAQDA MALTA-KUBA LILL-ISPEAKER TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI**

Delegazzjoni tal-Għaqda Malta-Kuba mmexxija mill-President tal-Għaqda s-Sur Michael Camilleri l-bieraħ għamlet żjara lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati l-Onor Louis Galea.

Din iż-żjara saret f'serje ta' laqgħat li l-Għaqda qed ikollha ma' persuni distinti bi preparazzjoni għall-parteċipazzjoni tal-Għaqda fil-Brigata Jose Marti li sejra ssir f''Kuba f'Lulju li ġej.

Din hija t-tielet sena li l-Għaqda Malta-Kuba ser tipparteċipa f'din l-attività annwali li ssir f'Kuba sabiex membri ta' għaqdiet Ewropej ta' solidarjetà ma' Kuba jagħtu l-kontribut tagħhom permezz ta' xogħol volontarju filwaqt li fl-istess ħin jaraw b'għajnejhom ir-realtà ta' dan il-pajjiż.

Matul iz-zjara tagħhom f'Kuba l-voluntiera jkollhom l-opportunità li jagħmlu xogħol fl-oqsma tal-agrikoltura u kostruzzjoni, xogħol utli ħafna, speċjalment meta tqis li s-sena l-oħra Kuba ntlaqtet minn tlett uragani li għamlu ħafna ħsara.

**DOI – 16.06.2009**